146

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 84/13/GB

Anna Maria Camilleri

vs

Edward Custo – Custo Bathrooms

Illum 17 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet mija u sittin Ewro (€360.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal kamra tal-banju li kienet ordnat minghand l-intimat, minn liema ordni, hija kienet ikkancellat diversi oggetti, pero' xorta wahda hallset ghal tali oggetti li kienet ikkancellat u li fil-fatt qatt ma rceviet.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendiex ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Mejju tas-sena 2012, hija kienet talbet l-ewwel stima mill-intimat, fejn inghatat l-istima ta' sitt mija hamsa u disghin Ewro (€695.00) flimkien ma' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00) jekk taghmel il-bordura, u cioe' total ta' tmien mija u ghoxrin Ewro (€820.00). Fl-istima kien hemm immarkat ukoll it-toilet seat tal-bacalite, izda hija giet ikkonsenjatha toilet seat tal-plastik.

Ir-rikorrenti marret lura ghand l-intimat ftit ijiem wara, stante illi ommha kienet insiet fejn kienet ghamlet l-istima, fejn l-intimat kien taha stima ohra ghall-istess oggetti, pero' din id-darba b'total ta' elf mija u hamsin Ewro (€1,150.00). Ftit ijiem wara, omm ir-rikorrenti kienet sabet l-ewwel stima, u kien hemmhekk illi hija indunat bid-diskrepanza kbira fit-total bejn iz-zewg stimi.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230999

Ir-rikorrenti kienet talbet lill-intimat sabiex jaghmlilha stima dettaljata bil-prezz ta' kull oggett, pero' din qatt ma ghamilha.

Fl-invoice illi l-intimat ta lir-rikorrenti, hemm tliet (3) oggetti illi hija ma kellhiex bzonn u li lanqas biss irceviet, li huma: (1) set of Grohe accessories €185; (2) 1 Chrome Handle €50; (3) 24 pieces Border €125 – liema oggetti jammontaw ghal tliet mija u sittin Ewro (€360.00).

Ir-rikorrenti kienet baqghet tinsisti ghal invoice 'itemised', li saret mill-intimat u nghatat lilha wara li hija kienet diga' hallet il-kont.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ewwel stima, kopja tat-tieni stima, kopja ta' l-ewwel invoice datata 28 ta' Gunju 2012, u kopja tat-tieni invoice datata 1 ta' Novembru 2012.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet marret il-hanut diversi drabi, fejn l-intimat kien taha bosta quotations b'affarijiet u prezzijiet differenti.

Meta r-rikorrenti waslet ghall-ordni, l-intimat baghat ix-xoghol kif elenkat fl-invoice 000224. L-affarijiet kollha waslu ghand ir-rikorrenti u hi zammet u wahlet kollox.

L-intimat ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qieghda titlob xi flus lura meta hu baghat ix-xoghol u hi hallset skond ix-xoghol li nghatat.

L-ammont ta' disgha mija u tmenin Ewro (€980.00) huwa spjegat u elenkat u l-intimat ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qieghda tghid li qatt ma nghatat spjegazzjoni ta' l-affarijiet elenkati.

L-intimat ezebixxa kopja ta' l-invoice datata 1 ta' Novembru 2012.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi l-ntimat lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi u wara li sema' l-verzjoni genwina li nghatat mir-rikorrenti, illi r-rikorrenti kienet ikkancellat certu oggetti mill-ordni originali taghha pero' xorta wahda hija hallset il-prezz ta' l-ordni originali minghajr ma qatt irceviet l-oggetti li kienu gew ikkancellati mill-istess. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet mija u sittin Ewro (€360.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**